# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

### Illum, it-Tlieta, 11 ta' Lulju, 2017

**Rikors numru 452/17 TA**

**Fl-Atti tar-Rikors Guramentat Numru 361/17 TA fl-ismijiet:-**

**St. George Edition Limited (C40902)**

**vs**

**Apassionata World GmbH debitament rapprezentata hawn Malta mill-Avukat Dr. Adrian Camilleri (K.I. Nru 350380M)**

**Wara l-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru (Kawtelatorju) Numru 662/17 fl-ismijiet:-**

**St. George Edition Limited (C40902)**

**vs**

**Apassionata World GmbH debitament rapprezentata hawn Malta mill-Avukat Dr. Adrian Camilleri (K.I. Nru 350380M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tas-socjeta` Apassionata World GmbH tas-16 ta' Mejju, 2017;

Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata St. George Edition Limited;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Rat id-digrieti kollha moghtija minn din il-Qorti fost ohrajn dak tas-seduta tas-27 ta' Gunju 2017 fl-atti ta' dan ir-rikors;

Semghet lill-avukati tal-partijiet fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2017;

Rat ukoll ir-rikors tas-socjeta` intimata tat-3 ta' Lulju, 2017;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Lulju 2017 li permezz tieghu laqghet ir-rikors imsemmi limitatament ghas-sospensjoni tad-digriet in camera u l-ammissjoni tal-produzzjoni tad-dokument esebit mal-istess;

Rat ukoll li r-rikors odjern gie rikjamat ghas-seduta tas-6 ta' Lulju, 2017 u dan bi qbil bejn il-partijet;

Rat id-dokumenti kollha esebiti fis-seduta tas-6 ta' Lulju, 2017;

Qieset ukoll il-provi kollha prodotti;

Semghet lill-abbli avukati tal-partijiet jitrattaw fl-udjenza msemmija;

Rat li r-rikors thalla ghad-digriet *in camera*;

**Ikkunsidrat**

Dan huwa digriet moghti in camera ai termini tal-artiklu 836(4) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta u kif verbalizzat fl-udjenza tas-27 ta' Gunju 2017.

Jibda biex jinghad li r-rikors odjern gie prezentat fl-atti tar-rikors guramentat numru 361/2017TA fl-ismijiet "St. George Edition Limited -vs- Apassionata World GmbH" u dan ghaliex artikolu 836(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jirrikjedi li hekk ghandu jsir meta tkun diga` inbdiet kawza.

Il-ligi ddisponiet b'dan il-mod, ghaliex taghraf li l-Qorti li tkun giet adita bid-deduzzjoni tal-pretensjoni wara l-hrug ta' mandat tkun munita b'aktar informazzjoni minn gudikant li jkun limitatament irid jiddeciedi rikors ghall-hrug ta' mandat, kif kien il-kaz fid-digrieti l-ohra li jinsabu annessi mar-rikors odjern.

Din il-Qorti ghalhekk, apparti l-atti kollha tar-rikors odjern, kellha wkoll l-opportunita` li tara l-atti tal-kawza, u dan ghaliex una volta li r-rikors odjern sar fl-atti taghha dan ifisser li jista' jittiehed konjizzjoni tal-istess.

It-tieni punt li trid tippuntwalizza din il-Qorti huwa dan: fil-waqt li hemm mandati kawtelatorji li qabel ma jinhargu, il-Qorti taghmel indagini *prima facie* (hekk per ezempju fil-kaz ta' mandat ta' inibizzjoni), mhux hekk fil-kaz ta' mandat ta' sekwestru fost ohrajn. Ghalhekk il-procedura ai termini tal-artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, takkwista importanza partikolari ghaliex fil-kaz ta' mandati li jinhargu minghajr indagini bis-sahha ta' dan l-artikolu tinholoq l-opportunita' fejn issir indagini mill-Qorti dwar il-htiega o menu tal-hrug ta' dawn ix-xorta ta' mandati fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu imsemmi.

F'dan ir-rigward issir referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Camilleri vs Govè et deciza fl-10 ta' Mejju 2001 fejn intqal hekk :** "mid-dispozizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-uniku ezami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja". (Ara wkoll digriet moghti mill-**Prim Awla per Imhallef Lawrence Mintoff tas-16 ta' Frar 2015 fl-ismijiet Emmanuel Balzan vs Francelle Agius**).

Dan stabbilit jinghad li in sintesi l-kawza principali li qed tohloq il-vertenza bejn il-partijiet hija fost ohrajn is-segwenti: Filwaqt li s-socjeta` rikorrenti qeghdha tistrieh fuq il-kuntratt tal-1 ta' Frar 2016 dwar l-uzu tal-markju Apassionata, is-socjeta` intimata fir-rikors odjern qeghdha ssostni li ghandhom japplikaw l-effetti tat-terminazzjoni tal-kuntratt tal-1 ta' Dicembru 2015.

Dan id-diverbju legali jemergi f'kull procedura li giet istitwita sa issa miz-zewg partijiet senjatment ghall-otteniment ta' mandati kawtelatorji u dan kif jirrizulta kemm mid-digrieti ta' diversi mandati esebiti mar-rikors u llum kif ukoll mill-atti tal-kawza, li fl-atti taghha gie presentat ir-rikors odjern. Di fatti, fil-maggor parti taghhom, dawn il-mandati kollha gew iddeterminati b'referenza ghal dawn iz-zewg kuntratti.

Il-Qorti osservat ukoll, illi l-mandati ta’ sekwestru rispettivi, materja taz-zewg rikorsi li qeghdin ikunu trattati f’dawn il-proceduri kontestwalment, gew ottenuti wara li s-socjeta` intimata minghajr success ittentat izzomm lis-socjeta` rikorrenti milli tkompli taghmel uzu mill-markja mertu tal-kuntratti fuq imsemmija. Di fatti jirrisulta, li din it-talba giet rigettata permezz ta’ digriet fit-2 ta’ Mejju, 2017 per Imhallef Miriam Hayman fl-atti tal-mandat ta’ inibizzjoni 441/17. Jekk ma tridx, il-mandat ta' sekwestru numru 662/17 inhareg fl-istess data li nghata dak id-digriet!

Il-Qorti tinnota wkoll li kwantu ghas-sekwestru l-iehor numru 530/17 mertu tar-rikors odjern li qieghed ikun trattat kontestwalment, dan inhareg fit-3 ta’ April 2017 propju gimghat wara li ntlaqghet it-talba tas-socjeta` rikorrenti permezz ta’ digriet fl-atti tal-Mandat ta’ Inibizzjoni tal-15 ta’ Frar 2017 per Imhallef Joseph Zammit McKeon biex izzomm lis-socjeta’ intimata milli tittermina l-kuntratt tal-1 ta’ Frar 2016. Jidher ghalhekk li s-sekwestri odjerni kienu provokati minn proceduri ohrajn li ma kellhomx ezitu favorevoli ghas-socjeta` intimata. Bis-sekwestri odjerni ghalhekk gew effettivament newtralizzati u rezi ineffikaci l-effetti tad-digrieti fuq imsemmija.

Il-Qorti nnotat ukoll illi sallum, dawk li ghandhom interess fis-socjeta` rikorrenti, bhal ma huma diretturi u socji, ghadhom ma agixxewx biex jipprotegu u jharsu l-interessi ta’ din is-socjeta`. Dan qieghed jinghad fid-dawl tal-fatt li s-socjeta` intimata qed tallega li Thomas Bone-Winkel ma

kellux ir-rappresentanza guridika ta' Apassionata World GmbH biex jiffirma l-ftehim tal-1 ta' Frar, 2016.

Izda f'dan ir-rigward irid jinghad ukoll li fit-trattazzjoni tar-rikors odjern, l-abbli avukat tas-socjeta` intimata, qanqal diversi kweziti dwar il-ftehim tal-1 ta' Frar, 2016, bhalma huma (i) li kull pagna tal-kuntratt ma kienitx inizjalata kif fil-fatt hekk kienet minn Claudine Attard li fuq dak il-kuntratt kienet qed tirraprezenta lis-socjeta` intimata; (ii) kif kienu lahqu gew esebiti kopji ta' dan il-kuntratt li ma kienux ghadhom iffirmati minn Thomas Bone-Winkel; u (iii) kif f'xi hin, dan iffirma wahdu u ma kienx hemm il-firma ta' Rainer Quezner meta isem dan tal-ahhar kien imnizzel bit-tipa, fis-sens li seta' kien mahsub li dan kellu jiffirma.

Fl-udjenza tas-6 ta' Lulju, 2017 il-Qorti kellha okkazzjoni terga' tisma' l-abbli difensuri tal-partijiet. Qieset is-sottomissjonijiet tas-socjeta` intimata fost ohrajn ir-referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Joseph M. Vella et vs Vella Brothers Ltd et tal-Prim Awla tal-Qorti Civli per il-kompjant Imhallef Raymond C. Pace tas-27 ta' Novembru 2008**. Hadet ukoll nota ghar-referenzi li saru dwar l-artikoli li jirrigwardaw l-obbligazjonijiet kummercjali fil-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti thoss li dawn huma kollha argumenti li jista' jkollhom il-valur fir-resoluzzjoni tal-kawza dwar is-sustanza tal-pretensjoni, li fl-atti taghha saru r-rikorsi odjerni. Izda din hija materja li ghad trid tkun approfondita, ghaliex fil-kontro-talba, Apassionata World Gmbh ukoll qeghdha titlob li

jkun dikjarat bhala validu u vinkolanti l-kuntratt tal-1 ta' Frar 2016 u mhux dak tal-1 ta' Dicembru 2015.

Il-pern tal-kwistjoni bejn il-partijiet ghad trid tkun meqjusa *in funditus* fil-kawza li biha s-socjeta` intimata ddeduciet il-pretensjoni taghha u ghal liema kawza, kif diga' inghad, hemm ukoll kontro-talba.

Ghalhekk din il-Qorti, wara li rat l-atti kollha, thoss li s-socjeta' intimata irnexxielha tissodisfa r-rekwizit in kwantu li kif jiddisponi l-artiklu 838(1)(b) peress li wahda mill-htigiet tal-ligi ghall-hrug tal-att kawtelatorju ma ghadhiex fil-fatt tezisti. Dan qieghed jinghad ghaliex dwar il-vertenza ta' liema mill-kuntratti ghandu piz, ai fini biss ta' konsiderazzjoni dwar il-hrug ta' mandati kawtelatorji, **illum** hemm mhux anqas minn zewg dikjarazzjonijiet gudizzjarji dwar dan il-punt.

Kwantu ghar-rekwizit taht artikolu 838(1)(f), din il-Qorti, wara li qieset ic-cirkostanzi u l-fatti kollha tal-kaz, ma tistax ma tkunx konkordi mal-valutazzjoni u ezami tal-punti involuti bejn il-partijiet, li diga` ghamlet il-Qorti kif diversament presjeduta fid-diversi digrieti fuq imsemmija, u dan ai fini tal-proceduri ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju biss. Dan ifisser li jkun kemm irragjonevoli u kif ukoll mhux gustifikabbli, li l-mandat odjern jinzamm fis-sehh.

Ghalhekk huwa l-konvinciment ta' din il-Qorti, li s-socjeta` rikorrenti ghandha ragun u t-talbiet taghha huma gustifikati fit-termini ta' dak li jipprovdi l-artikolu 836(1)(b) u (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-htiega rikjesta ai termini tal-artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti ma hiex ser tippronunzja ruhha una volta hemm bizzejjed ragunijiet taht is-subartikli fuq imsemmija biex ikunu akkolti t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti.

Fic-cirkostanzi, din il-Qorti thoss li ma hemmx lok ghall-imposizzjoni ta' penali. Kwantu ghad-danni, dawn ma jistghux jintlaqghu ai fini ta' dan il-mandat, peress li dawn jistghu jintalbu biss bi procedura separata minn dik tal-lum.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi bil-mod segwenti:-

**Tilqa'** t-talba tas-socjeta` rikorrenti , fid-dawl ta' dak li inghad aktar 'l fuq u tordna l-hrug tal-kontro-mandat relattiv ghall-mandat numru 662/17 fl-ismijiet "St. George Edition Limited vs Apassionata World GmbH debitament rapprezentata hawn Malta mill-Avukat Dr. Adrian Camilleri".

Fic-cirkostanzi spejjez jibqghu minghajr taxxa.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**